# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Att ta' Akkuza Nru: 12/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Jean Paul Azzopardi**

Illum 4 ta' Ottubru, 2016.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2014 fil-konfront ta' Jean Paul Azzopardi (detentur tal-karta tal-identit' numru 345193 (M) li bih huwa akkuzat talli :

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fid-dsatax (19) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012), l-akkużat **JEAN PAUL AZZOPARDI** kellu argument verbali permezz tat-telefon ċellulari ma' ċertu Dylan Dingli u ma' ħuh Jason Dingli. Kien għalhekk li minħabba dan l-argument l-akkużat iddeċieda li jpattiha liż-żewġ aħwa msemmija. Fil-fatt dik il-ġurnata stess l-akkużat qabad flixkun tal-ħġieġ vojt u mar jimlieh bil-petrol mill-pompa tal-petrol tal-Fgura li tinsab ħdejn l-istabbiliment *Tip Top.* Huwa poġġa wkoll biċċa ċarruta fl-istess flixkun li serviet bħala ftila sabiex dan il-flixkun ikun jista' effettivament jingħata n-nar. B' hekk huwa tela' fi Triq il-

Kanun f' Ħal Qormi, u wasal quddiem id-dar *'Dingli's Nest'* li hija r-residenza li fiha jgħixu l-aħwa Dingli flimkien mal-ġenituri tagħhom. Il-ħin kien għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' fil-għaxija (7:15 p.m.) tal-imsemmija ġurnata. Malli wasal hemmhekk Jean Paul Azzopardi dar dawra biex jara' jekk kienx qed jarah xi ħadd. Huwa ma ra lil ħadd iżda huwa kien jaf li kien hemm in-nies ġewwa d-dar imsemmija minħabba li nnota li kien hemm id-dawl tal-gallerija mixgħul. Għalhekk huwa kien jaf jew seta' raġġonevolment jobsor li kien hemm in-nies ġewwa dik id-dar, iżda nonostante` dan huwa xorta ddeċieda li jwettaq l-aġir kriminuż li kellu f' moħħu.

Għalhekk huwa ta n-nar lill-ftila tal-flixkun li kien mela bil-likwidu fjammabbli u li kien tella' miegħu fuq il-post u mbagħad dan waddbu mal-faċċata tad-dar *Dingli's Nest*. Il-flixkun infaqa' mal-impatt u n-nar infirex ftit mal-faċċata tar-residenza, ftit mal-bieb tal-istess u ftit fuq il-bankina u anke fit-triq. L-akkużat mbagħad ħarab minn fuq il-post u reġa' niżel lura d-dar tiegħu.

Illi dak il-ħin fir-residenza *Dingli's Nest* f' Ħal Qormi inzerta kien hemm ħafna persuni minħabba li l-aħwa Dingli kellhom xi ħbieb għandhom li kienu qegħdin jilgħabu l-*Playstation* magħhom. Fil-fatt fir-residenza, fil-ħin li ġie kommess ir-reat, kien hemm mhux biss l-aħwa Jason Dingli u Dylan Dingli iżda wkoll, Glenn Magro, Daniel Apap, Shaun Mifsud u Jurgen Gatt. Illi fortunatament pero` ħadd minn dawn il-persuni ma korra jew sofra xi ġrieħi.

Illi b'għemilu l-imsemmi **JEAN PAUL AZZOPARDI** sar ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm xi persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Pulizija vs. Jean Paul Azzopardi* mogħtija fl-20 ta' Mejju 2010, fis-7

ta' Marzu 2011 u fit-8 ta' April 2011, l-imsemmi akkużat kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom ta' serq aggravat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil **JEAN PAUL AZZOPARDI,** reċidiv f' delitt, ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuna jew persuni fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax-il sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi **JEAN PAUL AZZOPARDI** kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-sebgħa (7) ta' Marzu tal-elfejn u ħdax (2011) fl-ismijiet *Pulizija vs. Jean Paul Azzopardi*, u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax-il xahar priġunerija (18) sospiżi għall-perijodu ta' erba' (4) snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dakinhar tal-inċident mertu tal-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioe' fid-dsatax (19) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) ghall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7:15 p.m.), meta l-akkużat **JEAN PAUL AZZOPARDI** ta n-nar lill-bieb u l-faċċata tar-residenza *'Dingli's Nest'*, Triq il-Kanun, Ħal-Qormi, li fiha jgħixu l-familja Dingli, huwa

volontarjament ikkawża ħsara bl-azzjonijiet tiegħu fuq dan l-istess bieb. Fil-fatt meta l-akkużat waddab il-flixkun inċendjarju wara li tah in-nar, dan il-flixkun faqa' ħġieġa tal-i*stained glass* fl-istess bieb kif ukoll ikkawża ħsara fuq il-panew tal-istess bieb li huwa tal-aluminju. Din il-ħsara, li kienet kawża diretta tal-aġir tal-akkużat, ammontat għal tliet mija u ħamsin euro (€350) u saret għad-detriment tas-sidien tal-fond *'Dingli's Nest'*.

Illi b'għemilu l-imsemmi **JEAN PAUL AZZOPARDI** sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Pulizija vs. Jean Paul Azzopardi* mogħtija fl-20 ta' Mejju 2010, fis-7 ta' Marzu 2011 u fit-8 ta' April 2011, l-imsemmi akkużat kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom ta' serq aggravat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **JEAN PAUL AZZOPARDI**, reċidiv f' delitt, ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa' sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi **JEAN PAUL AZZOPARDI** kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

tas-sebgħa (7) ta' Marzu tal-elfejn u ħdax (2011) fl-ismijiet *Pulizija vs. Jean Paul Azzopardi*, u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax-il xahar priġunerija (18) sospiżi għall-perijodu ta' erba' (4) snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Jean Paul Azzopardi, preżentat fis-26 ta' Settembru, 2016, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Jean Paul Azzopardi għall-akkużi miġjuba kontrih fl-ambitu tan-Nota li qedgha tigi prezentata kontestwalment mir-rikorrenti Avukat Generali, u senjament li l-fattispecie tal-kaz odjern jammontaw ghat-tentattiv tar-reat indikat fl-Artikolu 316(a) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li t-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza huwa alternattiv ghall-Ewwel Kap, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda komplessiva ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' **sitt (6) snin u nofs,** kwantu ghal hames (5)snin minnhom rapprezentanti l-piena ghat-tentattiv tar-reat taht l-Ewwel Kap u tmintax (18)-il xahar l-ohra rapprezentanti d-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza lill-akkuzat fis-7 ta' Marzu, 2011. Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru, 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 4 ta' Ottubru, 2016, fejn l-akkuza ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat li din l-Qorti tat zmien lill-akkuzat biex jerga' jahseb dwar l-ammissjoni tieghu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Jean Paul Azzopardi ħati talli:

1. Sar reċidiv f' delitt u volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuna jew persuni fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

2. Sar reċidiv f' delitt u volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Rat il-gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni bikrija fil-proceduri u b'hekk jigi evitat hafna xoghol inutli u spejjez ghall-amministrazzjoni tal-Gustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif gie deciz mill -Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem necessarjament u bħala dritt jintitola lill-hati ghal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Ghaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat in-nota tal-Avukat Genrali tas-26 ta' Settembru, 2016 u il-verbal tas-seduta tal-lum stess tiddikjara lid war l-ewwl Kpa ta' l-Att ta' Akkuza, qed issib lill-akkuzat hati tat-tentattiv tar-reat hemm indikat.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 316(a), 325(1)(b) u 31 tal-Kodici Kriminali. Mimbarra dan, rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali dwar is-sentenza sospiza li ggib id-data tas-7 ta' Marzu, 2011. Tikkundanna lil hati Jean Paul Azzopardi ghall-piena ta' priġunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6½) snin u nofs , kwantu ghal hames (5) snin minnhom rapprezentanti l-piena ghat-tentattiv tar-reat taht l-Ewwel Kap t' l-Att ta' Akkuza u tmintax (18)-il xahar l-ohra rapprezentanti d-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza hawn fuq indikata.

Dwar it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjuzzjoni ta' l-istess billi hu kap alternattiv ghall-Ewwel Kap.

Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' mija u disa' ewro u tlieta u sittin centezmu **(€109. 63),** rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

Fl-ahhar nett tirrkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jghin lill-hati jibda programm ghar-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur